32006D0211

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Marzu 2006

jistabbilixxi li l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' xiri ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali japplika għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 690)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/211/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' xiri ta' entitajiet li joperaw fit-taqsimiet ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(4) u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba mressqa mir-Renju Unit b'*e-mail* tat-2 ta' Novembru 2005 u kkonfermata b'faks iffirmata fit-8 ta' Novembru 2005, u l-informazzjoni addizzjonali mitluba mis-Servizzi tal-Kummissjoni b'e-mail fit-2 ta' Diċembru 2005 u mressaq mir-Renju Unit bħala *e-mail* ta'12.1.2006,

Wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet ta' l-awtorità nazzjonali indipendenti, l-Uffiċju tas-Swieq tal-Gass u l-Elettriku (OFGEM — "Office of the Gas and Electricity Markets"), li l-kundizzjonijiet għall-applikabilità ta' l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE ser jintlaħqu,

Billi:

(1) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE jistipula li l-kuntratti previsti biex jippermettu li l-prestazzjoni ta' wieħed mill-attivitajiet li għalih tapplika d-Direttiva ma jkunx suġġett għad-Direttiva jekk, fl-Istat Membru li jkun ser issir, l-attività tkun esposta direttament għal kompetizzjoni fi swieq li m'hemmx restrizzjonijiet ta' aċċess għalihom. L-espożizzjoni diretta għal kompetizzjoni tiġi evalwata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur involut. L-aċċess ikun ikkunsidrat mhux ristrett jekk l-Istat Membru implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità għall-ftuħ ta' settur partikolari jew parti minnu. Din il-leġiżlazzjoni hi elenkata fl-Anness XI tad-Direttiva 2004/17/KE, li, għas-settur ta' l-elettriku, tirreferi għad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([2]). Id-Direttiva 96/92/KE ġiet issostitwita mid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriċità u tirrevoka d-Direttiva 96/92/KE ([3]), li tirrekjedi livell aktar għoli ta' ftuħ tas-suq.

(2) Skond l-Artikolu 62(2)(2) tad-Direttiva 2004/17/KE, Titlu III ta' dik id-Direttiva li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kompetizzjonijiet tad-disinn ta' servizzi ma japplikax għall-kompetizzjonijiet organizzati għall-iskop, fl-Istat Membru ikkonċernat, ta' attività li għaliha l-applikabilità ta' l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva kienet stabbilita minn deċiżjoni tal-Kummisjoni jew li kienet ikkunsidrata applikabbli taħt it-tieni jew tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 30(4) jew ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 30(5).

(3) It-talba mressqa mir-Renju Unit tirrigwarda l-produzzjoni ta' l-elettriku fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales. Minħabba l-karattru unit tas-swieq ta' dawn it-tliet żoni ġeografiċi u l-kapaċità limitata ([4]) ta' konnessjonijiet bejn in-netwerks tar-Renju Unit u dawk ta' żoni oħra tal-Komunità, l-Ingilterra, l-Iskozja u Wales għandhom ikunu kkunsidrati bħala s-suq relevanti għall-iskopijiet ta' l-evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE. Din il-konklużjoni taqbel ma' waħda mis-sejbiet tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew: Rapport dwar il-progress fil-holqien tas-suq tal-gass intern u l-elettriku ([5]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Rapport 2005", li "f'termini ekonomiċi … l-elettriku … swieq fl-UE jibqgħu nazzjonali fl-iskop ekonomiku".

(4) Din l-evalwazzjoni, u l-oħrajn li jinstabu f'din id-Deċiżjoni, huma magħmula biss għall-iskopijiet tad-Direttiva 2004/17/KE u huma bla preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni.

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 tad-19 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 333, 20.12.2005, p. 28).

([2]) ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20.

([3]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.

([4]) Fl-ordni ta' xi 4 % tat-talba massima.

([5]) COM (2005) 568 finali tal-15.11.2005.

(5) Ir-Renju Unit implimenta mhux biss id-Direttiva 96/92/KE imma wkoll id-Direttiva 2003/54. Konsegwentement, u bi qbil ma' l-ewwel sobparagrafu ta' l-Artikolu 30(3), għandu jiġi kkunsidrat li l-aċċess għas-suq mhux ristrett.

(6) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni għandu jiġi evalwat fuq il-bażi ta' indikaturi varji, l-ebda wieħed minnhom ma hu deċiżiv fih innifsu. Fir-Rapport ta' l-2005, il-Kummissjoni stqarret li "bosta swieq nazzjonali juru livell għoli ta' konċentrazzjoni ta' l-industrija u b'hekk ixekklu l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva" ([1]). Minħabba f'dan, huwa kkunsidrat li, b'konnessjoni mal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, "indikatur għall-livell tal-kompetizzjoni tas-swieq nazzjonali huwa s-sehem ta' l-akbar tlett produtturi tas-suq totali" ([2]) Skond l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli, is-sehem aggregat ta' l-akbar tliet ġeneraturi tas-suq bl-ingrossa huwa ta' 39 % ([3]), li huwa ta' livell baxx biżżejjed u għandu jittieħed bħala indikazjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

(7) Il-ħidma tas-swieq ta' bilanċ għandhom ukoll ikunu kkunsidrati bħala indikaturi. Fil-fatt, "kull parteċipant tas-suq li ma jsibhiex faċli li jqabbel il-portafoll tal-ġenerazzjoni tiegħu mal-karatteristiċi tal-klijenti tiegħu jista' jsib ruħu espost għad-differenza bejn il-prezz li bih l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni [TSO — transmission system operator] ibigħ enerġija sbilanċjata, u l-prezz li bih jixtri lura l-produzzjoni żejda. Dawn il-prezzijiet jistgħu jkunu jew direttament imposti mir-regolatur ta' fuq it-TSO; jew inkella jintuża mekkaniżmu bbażat fuq is-suq, li fih il-prezz huwa determinat minn offerti li jkunu għamlu produtturi oħra biex jirregolaw il-produzzjoni tagħhom 'il fuq jew 'l isfel … diffikultà ewlenija għall-parteċipanti żgħar titfaċċa meta jkun hemm riskju ta' firxa kbira bejn il-prezz tax-xiri mit-TSO u l-prezz tal-bejgħ. Dan jiġri f'numru ta' Stati Membri u x'aktarx ikun ta' xkiel għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni. Firxa kbira tista' tindika livell insuffiċjenti ta' kompetizzjoni fis-suq ta' bilanċ li jista' jkun dominat minn ġeneratur wieħed jew tnejn biss. Dawn id-diffikultajiet isiru agħar fejn dawk li jużaw in-netwerk ma jirnexxilhomx jadattaw il-pożizzjoni tagħhom viċin taż-żmien reali." ([4]). Mid-dħul ta' l-Arranġamenti tat-Trażmissjoni tal-Kummerċ fl-Elettriku Britanniku ("BETTA" — British Electricity Trading and Transmission Arrangements) hemm suq ta' bilanċ unit għall-Ingilterra, l-Iskozja u Wales. Barra minn hekk, il-karatteristiċi ewlenin tiegħu (prezzijiet ibbażati fuq is-suq, dewmien fl-għeluq ta' nofs siegħa u differenza fil-prezzijiet relattivament baxxa) juru li għandu jitqies bħala indikatur ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

(8) Minħabba l-karatteristiċi tal-prodott involut (l-elettriku) u l-iskarsezza jew nuqqas ta' disponibbiltà ta' prodotti jew servizzi sostitwibbli, kompetizzjoni fil-prezz u formazzjoni ta' prezz jassumu importanza akbar meta jkun evalwat l-istat kompetittiv tas-swieq ta' l-elettriku. In-numru ta' klijenti li jibdlu l-fornitur huwa indikazzjoni ta' kompetizzjoni b'prezz ġenwin u, b'hekk, indirettament, "indikatur naturali għall-effettività tal-kompetizzjoni. Jekk hemm ftit konsumaturi li qed jaqilbu, x'aktarx hemm problema b'kif qed jaħdem is-suq, anki jekk il-benefiċċji mill-possibbiltà li jsiru negozjati mill-ġdid mal-fornitur storiku m'għandhomx jiġu injorati" ([5]). Barra minn hekk, "l-eżistenza ta' prezzijiet regolati għall-utenti aħħarija huja determinant ewlieni għall-imġiba tal-klijent … Għalkemm iż-żamma ta' kontrolli tista' tiġi ġustifikata waqt perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ħa jikkawżaw distorsjonijiet aktar ma' jmorru meta toqrob il-ħtieġa għall-investiment" ([6]).

(9) Fir-Renju Unit, il-livell ta' bdil għat-tliet kategoriji ta' utenti — utenti industrijali kbar u kbar ħafna, negozji u industriji zgħar jew medji, u negozji zgħar ħafna u utenti fid-djar — hu ta' 'l fuq minn 70 % għall-ewwel żewġ gruppi u qrib il-50 % għall-aħħar kategorija ([7]) u l-kontroll tal-prezzijiet għall-utenti aħħarija ġie mneħħi fl-2002 ([8]). Is-sitwazzjoni fir-Renju Unit hi għalhekk sodisfaċenti fejn jidħlu t-tibdil u l-kontroll tal-prezzijiet għall-utenti aħħarija u għandha titqies indikatur ta' l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

(10) Minħabba f'dawn l-indikaturi u minħabba l-istampa ġenerali ta' dan is-settur fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales — b'mod partikolari sal-punt li n-netwerks ġew miftuħa mill-ġenerazzjoni/provvista u r-regolamentazzjoni effettiva ta' l-aċċess tan-netwerk — li tfeġġ mill-informazjoni sottomessa mir-Renju Unit, ir-Rapport ta' l-2005 u l-Anness Tekniku tiegħu, il-kundizzjoni diretta ta' l-esponiment għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għandha titqies milħuqa fejn tidħol il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa 5, il-kundizzjoni għall-aċċess ħieles għall-attività jrid jitqies bħala milħuq. B'riżultat ta' dan, id-Direttiva 2004/17/KE m'għandhiex tapplika meta l-entitajiet kuntrattwali joffru kuntratti bl-għan li jippermettu l-ġenerazzjoni ta' l-elettriku li tkun imwettqa f'dawn iż-żoni ġeografiċi u lanqas meta jorganizzaw fil-post kompetizzjonijiet ta' disinn bħala twettiq ta' din it-tip ta' attività.

([1]) Cf ir-Rapport 2005, p. 2.
([2]) Cf ir-Rapport 2005, p. 7.
([3]) Ara d-Dokument tas-Servizzi tal-Kummissjoni, Anness Tekniku għar-Rapport ta' l-2005, SEC (2005) 1446, p. 44, tabella 4.1. Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-Anness Tekniku.
([4]) Anness Tekniku, p. 67.
([5]) Ir-Rapport ta' l-2005, p. 9.
([6]) Anness Tekniku, p. 17.
([7]) Ir-Rapport ta' l-2005, p. 10.
([8]) Anness Tekniku, p. 177.

(11) Din id-Deċiżjoni hi bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Novembru 2005 kif tidher mill-informazzjoni mressqa mir-Renju Unit, ir-Rapport ta' l-2005 u l-Anness Tekniku tiegħu. Tista' tiġi riveduta, jekk xi tibdiliet sinjifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabilità ta' l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE ma jistgħux jintlaħqu aktar.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/17/EC ma tapplikax għall-kuntratti mogħtija mill-entitajiet kuntrattwali u bl-għan li jippermettulhom iwettqu l-ġenerazzjoni ta' l-elettriku fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Novembru 2005 kif tidher mill-informazzjoni mressqa mir-Renju Unit, ir-Rapport ta' l-2005 u l-Anness Tekniku tiegħu. Tista' tiġi riveduta, jekk xi tibdiliet sinjifikanti fil-fatti jew fis-sitwazzjoni legali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabilità ta' l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE ma jistgħux jintlaħqu aktar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit.

Magħmula fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2006.

Ghall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membru tal-Kummissjoni